# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 20**

**Avviz numru 683/99/SM**

**Anthony Agius**

**vs**

**Joseph Mizzi**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-12 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas lill-attur s-somma ta' sitt mija u seghin Liri Maltin (LM670.00,0), jew somma ohra verjuri kif likwidata mill-Qorti, rapprezentanti hlas ta' xoghol maghmul lilu mill-attur bejn l-ahhar gimghat ta' l-1998 u Marzu 1999;**

**2. Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tat-12 ta' April, 1999 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata is-26 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-attur stante illi l-attur qatt m'ghamel xi xoghol ghall-beneficcju tal-eccipjent kif allegat fl-avviz promotur u ghaldaqstant ebda hlas mhu dovut mill-eccipjent lill-attur ghal dan l-allegat xoghol;**

**2. Illi l-eccipjent qieghed jirrevalixxi ruhu mill-azzjoni intentata mill-attur sabiex iressaq il-kontro-talbiet tieghu;**

**Rat ukoll il-kontro-talbiet tal-konvenut datati s-26 ta' Mejju ta' l-1999 li permezz taghhom wara li ppremetta:**

**1. Illi l-attur rikonvenzjonali ghamel zmien jigi hdejn il-konvenut rikonvenzjonali fil-worhshop ta' dan ta' l-ahhar waqt li l-istess konvenut rinkonvenzjonali kien ikun qieghed jahdem;**

**2. Illi f'dan il-perjodu l-attur rikonvenzjonat, minghajar hadd ma inkarigah, zarma bicca ghodda, u cioe' torn, proprjeta' tal-konvenut rikonvenzjonanti u kiser partijiet minnha u imbaghad naqas li jerga jarmah bir-rizultat illi dan it-tron ghadu sallum zarmat u mhux fuzjonabbli;**

**3. Illi dan l-agir da parti tal-attur rikonvenzjonat arreka danni lill-konvenut rikonvenzjonati ghal liema dannu huwa unikament responsabbli l-istess attur rikonvenzjonat;**

**Talab lil din il-qorti ghaliex m'ghandiex:**

**1. Tillikwida l-ammont ta' danni kawzati mill-attur rikonvenzjonat lill-konvenut rikonvenzjonati, liema ammont qed jigi ddikjarat li ma jeccedix**

**is-somma ta' hames mitt lira Maltija (LM500.00,0);**

**2. Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat biex ihallas lill-konvenut rikonvenzjonanti dak l-ammont in linea ta' danni kif likwidat minn din l-Onorabbli Qorti;**

**3. Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sad-data tal-effettiv pagament kontra l-attur rikonvenzjonat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenzjonat datata l-10 ta' Gunju ta' l-1999 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-tabiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;**

**2. Illi ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-konvenut il-ghaliex mhux minnu illi l-eccipjent ghamel xi hsara ghad-danni ta' l-istess konvenut;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni tar-rapprezentant legali tal-konvenut;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-attur jallega li kien gie mitlub mill-konvenut biex jghinu fix-xoghol ta' twahhil ta' aluminium u ghalhekk kien jahdem fl-aluminium u fil-hadid;**

**2. Illi l-attur jallega li kellu u ghad ghandu c-cavetta tal-mahzen u li kien jahdem mis-seba' sas-sitta minghajr ktieb tax-xoghol u dam erba' (4) xhur jaghmel hekk;**

**3. Illi rigward it-torn hu allegat li kien bil-hsara u kien gie mitlub mill-konvenut stess biex jirrangah;**

**4. Illi l-ammont mitlub mill-attur hu ghas-servizzi rezi minnu lill-konvenut u li taghhom baqa' ma giex renumerat skond kif kienu ftehmu.**

**Ikkonsidrat:**

**1. Illi pero' l-allegazzjonijiet fuq riprodotti sintetikament kollha huma michuda mill-konvenut;**

**2. Illi fil-fatt qatt ma gie konkluz l-ebda ftehim ta' impjieg bejn il-partijiet u hu allegat li l-attur kien imur jahdem ghand il-konvenut minn jeddu meta jfettillu;**

**3. Illi minhabba s-sitwazzjoni tieghu kien jigi tollerat u wkoll jithallas ta' dan ix-xoghol;**

**4. Illi ghal dak li ghandu x'jaqsam mat-torn hu allegat li inxtara mill-konvenut ghall-ammont ta' elf u erba' mitt Lira Maltin, (LM1,400.00,0), u stante li l-attur intervjena fuqu, jinsab zarmat;**

**5. Illi jirrizulta li giet mahruga l-"gear-box";**

**Ikkonsidrat:**

**Illi mill-analizi tal-fatti kif fuq riprodotti hadd mill-partijiet ma ikkonvinca lil din il-qorti li ghandu xi forma ta' raguni ghal dak minnu allegat;**

**Illi rigward it-torn in dizamina jirrizulta li l-attur intervjena fuqu bil-konsapevolezza jekk mhux fuq struzzjonijiet ta' l-istess konvenut;**

**Illi kull ma jirrizulta hu li l-partijiet involuti ghamlu zmien sodisfatti bil-kumpanija ta' xulxin u meta dan il-perjodu zvanixxa qabdu ma xulxin – haga verament ta' smerrija;**

**Illi hadd minnhom pero' ma pprova l-allegazzjonijiet tieghu skond il-ligi;**

**Illi in vista tas-suespost din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici u l-eccezzjonijiet relattivi, tirrespingi wkoll il-kontro-talbiet rikonvenzjonali u l-eccezzjonijiet attrici ghall-istess;**

**Illi in vista ta' dan, l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**